# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgħa 27 ta' Marzu 2020**

**Numru 8**

**Rikors numru 196/18MH**

**Clentec Limited**

**v.**

**(1) Il-Ministru tas-Sahha**
**(2) Central Procurement & Supplies Unit ghan-nom tal-Mental Health Services**
**(3) Id-Direttur Generali (Kuntratti)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors promotur ta' Clentec Limited tat-28 ta' Frar, 2018 fejn inghad hekk:

> *1. "Illi s-soċjeta' rikorrenti kienet ġiet mogħtija tender għal servizzi ta' tindif ġewwa l-Isptar Monte Karmeli (CT 2179/2009) mid-Direttur Generali (Kuntratti) għan-nom tal-Isptar Monte Karmeli għal perjodu ta' tlett (3) snin bir-rata ta' ħames euro tnejn u sittin ċentezmu (€ 5.62) fis-siegħa għal kull impjegat inkluż il-VAT u spejjeż – Dok A anness;*

*2. “Illi l-istess kuntratt kien ġie estiż sas-16 ta’ Ġunju 2013 permezz ta’ addendum iffirmat bejn il-partijiet bl-istess rata fissa ta’ ħames euro tnejn u sittin ċentezmu (€ 5.62) fis-siegħa għal kull impjegat inkluż il-VAT u spejjeż – Dok B anness;*

*3. “Illi wara diversi tentattivi mis-socjeta’ rikorrenti, l-intimati jew min minnhom kienu approvaw illi r-rata titla’ ghal €5.90 fis-siegha għal kull impjegat inkluz il-VAT, sabiex tigi riflessa l-Cost of Living Adjustment;*

*4. “Illi qabel l-iskadenza tal-kuntratt, f’Ġunju 2013, ir-rikorrenti kienet infurmat lill-Isptar Monte Karmeli illi minhabba l-għoli tal-ħajja u żieda fl-ispejjeż, hija kienet disposta tkompli tagħti s-servizzi tagħha ta’ tindif wara s-16 ta’ Ġunju 2013 bil-kundizzjoni illi r-rata titla għal sitt euro sitta u disgħin ċenteżmu (€ 6.96) fis-siegħa għal kull impjegat inkluż il-VAT u spejjeż, liema rata kienet tkun suffiċjenti biex tkopri lill-rikorrenti u tagħmel il-kuntratt wiehed vijabbli – Dok C anness;*

*5. “Illi l-rikorrenti kienet ġiet imħeġġa mid-diriġenti tal-Isptar sabiex tkompli tagħti l-istess servizzi tagħha ġewwa l-Isptar bir-rata antika sabiex ma’ jkunx hemm problemi ta’ kontinwita’ sakemm tinħareg call for applications ġdida;*

*6. “Illi l-rikorrenti rrifjutat li tagħmel dan u għamlitha ċara illi hija kienet ser tkompli biss jekk tibda titħallas bir-rata mixtieqa minnha u wara li jiffirmaw addendum skond il-liġi;*

*7. “Illi wara li verbalment u anke permezz ta’ sms (“text message”) kienet ġiet mogħtija s-serħan tal-moħħ illi t-talba tagħha kienet ser tiġi aċċettata u li kien ser jintbaghtilha l-addendum ghall-firma taghha, il-rikorrenti kompliet tagħti s-servizzi ta’ tindif fl-Isptar Monte Karmeli wara s-16 ta’ Ġunju 2013;*

*8. “Illi ftit gimgħat wara, u ċioe’ fl-10 ta’ Lulju 2013 is-soċjeta’ rikorrenti kienet ġiet infurmata, din id-darba mis-Central Procurement & Supplies Unit illi r-rata antika kellha tibqa’ tgħodd (Dok D anness). Hija kienet pront wieġbet li kienet lesta tkompli biss bir-rata proposta minnha. Peress illi kienet ilha tagħti s-servizzi tagħha bir-rata l-ġdida għal kwazi xahar, il-rikorrenti kienet pronta lesta sabiex toħroġ l-impjegati tagħha iżda reġgħet ġiet imħeġġa sabiex tieħu paċenzja u tibgħat risposta bil-miktub “sabiex din tigi approvata mid-Dipartiment tal-Kuntratti” bħala formalita’, u s-soċjeta’ rikorrenti hekk għamlet (Dok E anness);*

*9. “Illi minkejja li l-rikorrenti kienet sussegwentement reġgħet ġiet infurmata bil-miktub mis-Central Procurement & Supplies Unit u mid-diriġenti tal-Isptar Monte Karmeli illi r-rata antika kellha tibqa’ tapplika, fil-verita’ hija kienet fl-istess ħin qegħda tiġi infurmata verbalment mill-istess nies sabiex ma’ toqgħodx tinkwieta għaliex “ir-rifjut” tagħhom kienet biss mossa sabiex id-Dipartiment tal-Kuntratti ma’ jaħsibx illi*

*ttieħdet deċiżjoni finanzjarja mingħajr il-kunsens tad-Direttur Ġenerali (Kuntratti);*

*10. "Illi Clentec Limited baqgħet tagħti s-servizzi tagħha in bwona fede konxja mill-fatt illi għalkemm għajr għall-sms inkwistjoni, bil-miktub ma' kellha xejn, hija kienet ingħatat għal diversi drabi assikurazzjonijiet illi r-rata ġdida ta' €6.96 fis-siegħa kienet ser tapplika mis-16 ta' Ġunju 2013 'l quddiem;*

*11. "Illi minn dik id-data 'l quddiem, Clentec Limited kienet bdiet toħroġ il-fatturi lill-Isptar Monte Karmeli bir-rata l-ġdida, u għalkemm ma' kienetx qed titħallas hija ġiet infurmata illi dawn ser jigu pproċessati wara fi ftit żmien wara li tiġi rregolarizzata r-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet;*

*12. "Illi wara li għaddew diversi xhur, minħabba li l-istatus quo beda jaffettwa b'mod negattiv il-cash flow tagħha, Clentec Limited ġiet imħeġġa sabiex toħroġ invoices ġodda b'effett lura mis-16 ta' Ġunju 2013 b'dan illi għal kull xahar toħroġ fattura ghar-rata l-antika u toħroġ fattura għad-differenza ta' bejn ir-rata l-antika u dik ġdida;*

*13. "Illi b'hekk Clentec Limited bdiet tal-inqas iddahhal parti sostanzjali mill-ammonti dovuti lilha anke jekk effettivament hi ma' kienetx qed titħallas b'mod sħiħ kif miftiehem;*

*14. "Illi minkejja diversi interpellanzi (ara fost ohrajn Dok F anness), uħud minnhom bil-miktub, Clentec Limited baqgħet qatt ma' tħallset id-differenza bejn ir-rata l-ġdida u dik antika, b'dan illi sa' April 2015 hija kienet qed baqala' tieħu bilanċ ta' erbgħa mija ħamsa u sittin elf u tnejn u tmenin euro u tmienja u tmenin ċentezmu (€ 465,082.88) liema bilanċ għadu pendenti sal-ġurnata tal-lum (Dok G anness);*

*15. "Illi s-sitwazzjoni nbidlet drastikament meta fl-2015 wara li l-rikorrenti kienet ġiet infurmata illi l-kuntratt il-ġdid kienet ser tieħdu l-kumpanija WM Environmental Ltd, f'daqqa waħda hija ġiet mgħarrfa, kemm bil-miktub (Dok H anness) u anke privatament bil-fomm, illi l-Isptar ma' kellux għalfejn iħallas xejn mir-rata l-ġdida għaliex din ma' kienetx ġiet approvata formalment mid-Dipartiment tal-Kuntratti;*

*16. "Illi l-rikorrenti tħoss illi hija ġiet ingannata bil-kbir u li hija sfat il-vittma ta' qerq perpetwat mill-intimati, jew min minnhom, b'konsegwenzi finanzjarji kbar;*

*17. "Illi l-rikorrenti addirittura ġiet f'sitwazzjoni finanzjarja tant prekarja fejn lanqas biss tista' taffordja tħallas il-bolol tal-impjegati inkwistjoni;*

*18. "Illi sadanittant is-soċjeta' rikorrenti saret taf u ġiet a konoxxenza ta' email illi turi li d-Dipartiment tal-Kuntratt kien filfatt ħa deċiżjoni fuq din il-kwistjoni u kien tefa' lura l-ballun f'ħoġor l-Isptar Monte Karmeli u/jew is-Central Procurement & Supplies Unit għaliex dawn tal-aħħar*

*kienu pprokuraw servizzi f'entita' pubblika mingħajr ma' ħadu ħsieb illi tiġi osservata l-proċedura korretta, u ċioe' permezz tal-iffirmar ta' addendum;*

*19. "Illi llum il-ġurnata s-soċjeta' rikorrenti tinsab viċin li tagħlaq il-bibien tagħha u tagħti s-sensja lill-għexieren ta' ħaddiema tagħha u dan bħala konsegwenza diretta tal-aġir illegali u abbużiv tal-intimati jew min minnhom;*

*20. "Illi l-intimati jew min minnhom ġew interpellati jħallsu permezz tal-protest ġudizzjarju datat 30 ta' Jannar 2018 li jġorr in-numru uffiċjali 28/2018, però baqgħu inadempjenti (Dok I anness);*

*"Għaldaqstant premess is-suespost is-soċjeta' rikorrenti titlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. "Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbgħa mija ħamsa u sittin elf u tnejn u tmenin euro u tmienja u tmenin ċentezmu (€ 465,082.88) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' servizzi ta' tindif mogħtija mir-rikorrenti ġewwa l-Isptar Monte Karmeli minn Ġunju 2013 'l quddiem;*

*2. "Tikkundanna lill-istess intimati jew min minnhom sabiex iħallsu dan l-ammont lis-soċjeta' rikorrenti inkluż bl-imgħaxijiet legali mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-effettiv pagament.*

*"Bl-ispejjeż."*

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Generali tal-Kuntratti tas-26 ta' Marzu, 2018, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

*1. "Illi d-Direttur Ġenerali (Kuntratti) ma jistax iwieġeb għat-talbiet tal-kumpannija rikorrenti billi huwa qatt ma xtara s-servizzi tagħha sabiex jitwettqu xi xogħlijiet ta' tindif ġewwa l-Isptar Monte Karmeli wara Ġunju 2013. Għalhekk jekk il-kumpannija rikorrenti tassew għad fadlilha tieħu xi flejjes minħabba xi servizz li hija tat wara dan iż-żmien hija għandha tfittex biss lil min qabbadha tagħmel dawk ix-xogħlijiet u mhux ukoll lil min ma qabbadha tagħmel l-ebda xogħol;*

*2. "Illi żgur u mhux forsi d-Direttur Ġenerali (Kuntratti) ma kienx ħa jqabbad lill-kumpannija rikorrenti twettaq xogħlijiet ġodda wara t-2 ta' Ġunju 2014 minħabba li f'dik id-data huwa ħareġ deċiżjoni ta' black-listing fuq il-kumpannija rikorrenti peress li hija nstabet ħatja li kissret il-liġi li tirregola l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati tagħha (ara Dok. DK 1);*

*3. "Illi bla ħsara għall-premess, għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu, il-kumpannija rikorrenti għandha tressaq prova konklussiva li tassew għad hemm bilanċ ta' ħlas li għadu pendenti;*

*4. "Illi f'dan ir-rigward il-kumpannija rikorrenti ma tistax tippretendi li titħallas rata aktar għolja minn dik li ġiet maqbula bil-kitba. Għallinqas mid-dokumenti li ppreżentat il-kumpannija rikorrenti stess ma jirriżultax li l-awtoritajiet tal-gvern qatt aċċettaw li kellu jkun hemm żieda fir-rata tal-prezzijiet. Anzi minn Dok. D u H mehmuża mar-rikors maħluf jidher li Central Procurement & Supplies Unit dejjem għarrfet bil-miktub lill-kumpannija rikorrenti li ż-żieda fir-rata kif propost minnha ma kinitx qegħda tiġi milqugħa;*

*5. "Illi tabilħaqq l-kumpannija rikorrenti ma tistax tistrieħ fuq allegati ftehim verbali għaliex contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur;*

*6. "Illi minbarra dan, jekk kif il-kumpannija rikorrenti tttenni fil-paragrafu 6 tar-rikors maħluf tagħha, hija għamlitha ċara li ser tkompli biss jekk tibda titħallas bir-rata mixtieqa u wara li jiġi ffirmat addendum skont il-liġi, allura hija messha ma komplietx tipprovdi bis-servizz tagħha ladarba dan l-addendum baqa' ma ġie ffirmat qatt. Joqgħod hawnhekk dak li jgħid l-artikolu 114 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, li jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità. Darba għalhekk li f'dan il-każ dak il-ftehim bil-fomm ma ġiex imniżżel bil-kitba, l-istess ftehim verbali jitlef is-siwi tiegħu. Jiġi b'hekk li anke minn dan l-aspett it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti ma jirriżultawx li huma mistħoqqha u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda;*

*7. "Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*"Bl-ispejjeż kollha kontra l-kumpannija rikorrenti mħarrka minn issa għas-subizzjoni".*

Rat ir-risposta guramentata ta' Central Procurement and Supplies Unit ghan-nom tal-Mental Health Services u tal-Ministru tas-Sahha tat-3 ta' April, 2018, li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:

*1. "Preliminarjament, l-esponenti jeċepixxu l-karenza tal-interess ġuridiku tal-Ministru tas-Saħħa, u dan kif se jiġi ppruvat waqt is-smiegħ ta' din il-kawża;*

*2. "Illi, subordinament, l-esponenti qegħdin jeċepixxu n-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante ai termini tal-Artikolu 38 tal-General Conditions for Service Contracts anness mar-rikors promotur*

*bħala Dok A (paġna 45 out of 75), kull vertenza għandha tiġi riferuta liċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ;*

*3. "Illi, la Central Procurement and Supplies Unit u anqas Mental Health Services ma kienu parti fil-kuntratt hawn fuq ċitat, u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*4. "Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti mhumiex debituri tas-soċjeta' rikorrenti fl-ebda ammont u għaldaqstant kull talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' rikorrenti;*

*5. "Illi, permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Ġunju 2010 u mġedded it-28 ta' Ġunju 2012, is-soċjeta' rikorrenti daħlet fi ftehim biex trendi servizzi lill-Mount Carmel Hospital bir-rata ta' €5.90 fis-siegħa;*

*6. "Illi qatt ma kien hemm ftehim biex ir-rata tkun ta €6.96 fis-siegħa, kif qiegħed jiġi allegat mis-soċjeta' rikorrenti;*

*7. "Illi infatti l-esponenti kienu infurmaw lis-socjeta' rikorrenti illi r-rata proposta ta' sitt Ewro u sitta u disghin centezmu (€6.96) fis-siegħa ma gietx aċċettata mid-Dipartiment tal-Kuntratti fl-10 ta' Lulju 2013 permezz tal-email annessa mar-rikors promotur bħala Dok D;*

*8. "Illi s-soċjeta' rikorrenti ġiet infurmata mingħand l-esponenti illi kull estensjoni li tiġi mogħtija mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti hija soġġetta għall-istess kundizzjonijiet tal-ftehim oriġinali u kontemporanjament l-artikolu 30 'Revision of Prices' fil-General Conditions tal-kuntratt originali, jistipola li l-prezz globali tal-kuntratt ma jistgħax jigi rivedut jew varjat.*

*"Salv eccezzjonijiet ulterjuri".*

Rat is-sentenza *in parte* tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Marzu, 2019, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi laqghet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Central Procurement & Supplies Unit ghan-nom tal-Mental Health Services u l-Ministru tas-Sahha fejn iddikjarat in-nuqqas ta' kompetenza taghha li tisma' l-kaz fid-dawl tal-klawsola arbitrali kontenuta fil-*General Conditions for Service Contracts* applikabbli fir-rigward tal-kuntratt ta' tindif moghti lis-socjetà attrici gewwa

l-isptar Monte Karmeli, liema klawsola tistabbilixxi li kull vertenza bejn il-partijiet firmatarji ghandha tigi riferuta lic-Centru Malti tal-Arbitragg.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fil-kawża odjerna s-soċjeta' attriċi qegħda titlob ħlas tas-somma ta' €465,082.88 allegatament dovuta lilha bħala bilanċ ta' prezz ta' servizzi ta' tindif mogħtija minnha ġewwa l-Isptar Monte Karmeli minn Ġunju 2013 'l quddiem.
>
> "Fil-mertu l-konvenuti jirrespinġu din il-pretensjoni bħala nfondata fil-fatt u fid-dritt.
>
> "L-eċċezzjoni preliminari in eżami sollevata mic-*Central Procurement and Supplies Unit* għan-nom tal-Mental Health Services u tal-Ministru tas-Saħħa tgħid hekk -
>
>> *"Illi, subordinament, l-esponenti qegħdin jeċepixxu n-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante ai termini tal-Artikolu 38 tal-General Conditions for Service Contracts anness mar-rikors promotur bħala Dok A (paġna 45 out of 75), kull vertenza għandha tiġi riferuta liċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ;"*
>
> "Jirriżulta mill-atti li f'Ġunju 2010 ġie ffirmat kuntratt bejn id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti għan-nom tal-isptar Monte Karmeli u Clentec Services Company Ltd għal Servizzi ta' Tindif ġewwa l-isptar Monte Karmeli[1]. F'Ġunju 2012 ġiet iffirmata estensjoni tal-kuntratt imsemmi sas-16 ta' Ġunju 2013[2].
>
> "Ma hemm ebda kontestazzjoni li fil-*General Conditions for Service Contracts* li jiffurmaw parti ntegrali mill-kuntratt imsemmi hemm klawsola speċifika li tirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita f'każ ta' tilwima bejn il-partijiet.
>
> "Din hija l-klawsola 38 u tgħid hekk –
>
>> *"Article 38 Settlement of Disputes*
>>
>> *"38.1 The Contracting Authority and the Contractor shall make every effort to settle amicably any dispute which may arise between the Project Manager and Contractor.*

---

[1] Fol 7 et seq

[2] Fol 42 et seq

> *"38.2 Once a dispute has arisen, the parties to this contract shall notify each other in writing of their positions on the dispute as well as of any solution which they envisage possible. If either of the parties to this contract deems it useful, the parties shall meet and try to settle the dispute. Each party shall respond to a request for amicable settlement within 30 days of such request. The period to reach and amicable settlement shall be 120 days from the date of the request. Should the attempt to reach an amicable settlement, each party shall be free to proceed to the next stage in reaching a settlement by notifying the other party.*
>
> *"38.3 In the absence of an amicable settlement, any dispute between the Parties that may arise during the performance of this contract and that has not been possible to settle otherwise between the Parties shall be submitted to the arbitration of the Malta Arbitration Centre in accordance with the Arbitration Act (Chapter 387) of the Laws of Malta.*
>
> *............"*

"L-ewwel argument li jeħtieġ jiġi ndirizzat huwa dak imqajjem mis-soċjeta' attriċi fit-trattazzjoni. Filwaqt li hija rrikonoxxiet l-eżistenza ta' din il-klawsola ssollevat kwistjoni oħra li inkwantu l-kuntratt kien ġie estiż darba sa Ġunju 2013, fir-rigward tax-xogħlijiet li saru wara - u li l-bilanċ tagħhom qed jintalab il-ħlas tiegħu fil-kawża - ma kien hemm ebda *addendum* formali għall-kuntratt oriġinali. Allura qajmet il-mistoqsija – jekk ma kienx għad hemm kuntratt *in vigore* dik il-klawsola baqgħet tapplika?

"Il-Qorti tqis li għalkemm l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi huwa għall-perjodu wara Ġunju 2013, l-ilmenti u l-pretensjonijiet tas-soċjeta' attriċi huma ntrinsikament mibnija fuq u marbuta mal-kuntratt iffirmat f'Ġunju 2010 (inkluż l-estensjoni tiegħu sa' Ġunju 2013). Dan fis-sens li l-flus mitluba mhumhiex *in vacuum* iżda <u>fl-ambitu tal-istess pattijiet u kundizzjonijiet</u> miftehma fil-kuntratt msemmi b'dana li l-pretensjoni hija għal rata ta' ħlas ogħla u ċioe' b'varjazzjoni fil-valur monetarju tal-kuntratt kif kien sar fl-estensjoni ffirmata f'Ġunju 2012. Infatti, is-somma mitluba fir-rikors ġuramentat hija d-differenza bejn ir-rata l-antika skont il-kuntratt (li hija baqgħet tirċievi u taċċetta anke wara Ġunju 2013) u dik ġdida pretiża mill-istess soċjeta' attriċi.

"Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti hija tal-fehma li fil-mertu t-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu trattati u deċiżi lil hinn mill-ambitu tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta' tindif oriġinali u l-estensjoni tiegħu u għalhekk mhuwhiex il-każ li tiġi skartata l-eċċezzjoni tas-*Central Procurement and Supplies Unit* dwar il-klawsola 38 fuq ċitata.

"Ferm il-premess l-Qorti tirreferi għal dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi:

"L-Artikolu 742(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> *"Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva".*

"Mill-banda l-oħra l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"(1) Qorti li tinġieb azzjoni quddiemha fi kwistjoni li tkun is-suġġett ta' ftehim ta' arbitraġġ għandha, jekk xi parti hekk titlob mhux iktar tard minn meta tagħmel l-ewwel dikjarazzjoni tagħha fuq il-meriti tat-tilwima, tirreferi lill-partijiet għall-arbitraġġ kemm-il darba ma tiddeċidix li l-ftehim huwa null u bla effett, inoperattiv jew li ma jistax jitwettaq."*
>
> (*2) Meta tkun inġiebet azzjoni msemmija fil-paragrafu (1), il-proċedimenti ta' arbitraġġ jistgħu madankollu jinbdew jew jitkomplew, u tkun tista' tingħata deċiżjoni ta' arbitraġġ, filwaqt li l-azzjoni tkun għadha pendenti quddiem il-qorti."*

"Hemm ġurisprudenza vasta li minnha jitnisslu diversi prinċipji rigwardanti klawsoli arbitrali f'kuntratti.

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Simon Tortell *noe* vs G.S. Specialist Vehicles Ltd *et*[3]** intqal:

> "*huwa ormai paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna li klawsola arbitrali hija valida u dana in omaġġ għall-volontà libera tal-partijiet…..*"

"Fil-każ Brian Tonna noe vs Vincenzo Viscione et deċiża fil-15 ta' Diċembru 2016[4] ingħad hekk -

> *"Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-14 ta` Marzu 2013 fil-kawża "GO plc (C 22334) v. Waldonet Limited (C 19194)" ingħad hekk :-*
>
> *"L-Art 742 tal-Kap 12 jirregola l-ġurisdizzjoni tal-qrati tagħna. Meta d-disposizzjoni kienet emendata bl-Art 283 tal-Att XXIV tal-1995 kienu introdotti inter alia s-subinċiżi (3) u (4) li jaqraw hekk –*
>
> *"(3) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta` kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta` arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta` arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f`liema każ il-qorti, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta` kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.*
>
> *"(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta` arbitraġġ, il-qrati jistgħu joħorġu kull att kawtelatorju, f`liema każ, jekk dik il-parti tkun*

[3] Deciza fis-26 ta' Marzu 2010 mill-Qorti tal-Appell

[4] Rik 1083/13

*għadha ma ressqitx it-talba tagħha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f`dan il-Kodiċi li fihom għandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba għandhom ikunu ta` għoxrin jum mid-data tal-ħruġ tal-att kawtelatorju.*

*"Dwar l-Art 742(3) tal-Kap 12, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-4 ta` Mejju 1998 fil-kawża "Camilleri vs Zammit noe" qalet hekk –*

> *"... il-liġi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jiġi assigurat li l-ġurisdizzjoni tal-qorti ta` kompetenza ċivili ma tkunx eskluża mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta` arbitraġġ bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-qrati ċivili jkunu jistgħu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta` tali ftehim ta` arbitraġġ, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proċeduri skont kif trid il-liġi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-ġurisdizzjoni li jassiguraw l-eżegwibilita` tad-deċiżjonijiet arbitrali permezz ta` atti u mandat kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati eżekuttivi. Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kenitx intiża biex tinnewtralizza l-effikaċja ta` klawsola arbitrali, imma intiża biss biex tassigura li jkunu l-qrati ċivili li jkollhom il-ġurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsoli arbitrali kellhom jiġu mħaddma u dana billi jkollhom il-poter li jagħmlu tajjeb u jagħtu direttivi fil-każ li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proċeduralment imħaddma fil-prattika. … (ara wkoll – fejn rilevanti għall-każ tal-lum – "Malta Shipyards Ltd. vs VPJ Ltd" deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta` Novembru 2012).*
>
> *"Dan premess, għandu jingħad illi in linea ġenerali il-qrati tagħna qiesu bħala validi klawsoli inseriti f`kuntratti li jeskludu l-ġurisdizzjoni tagħhom a favur ta` proċeduri arbitrali u dan in omaġġ għall-volonta` libera tal-partijiet (Appell Kummerċjali : "Vella vs Mamo noe" : 13 ta` Ottubru 1994 ; u PA/FS : "Grech vs Cutajar et" : 1 ta` Diċembru 2008 fost oħrajn).*
>
> *"Cio` nonostante, anke qabel l-emendi tal-1995, il-qrati tagħna ħadu linja fis-sens illi għalkemm jirrispettaw dawk il-klawsoli arbitrali, il-qrati kellhom ġurisdizzjoni konkorrenti bid-dritt li tissindaka l-eżekuzzjoni tal-klawsoli arbitrali (Qorti tal-Appell : "Xuereb vs Accountant General" : 28 ta` Frar 1997 ; u PA/GCD : "Cefai noe vs Valletta Freight Services Limited" fost ohrajn). Bl-emendi tal-1995, dak li kien fil-prattika kien isir mill-qrati tagħna sar liġi. "*

"Stabbiliti dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti tirreferi għat-tieni argument imqajjem mis-soċjeta' attriċi u ċioe' li skont l-artikolu 15 (3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ f'każ li titqajjem eċċezzjoni li tirrigwarda klawsola arbitrali bħal dik odjerna, qabel ma tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha jeħtieġ li tintavola rikors appożitu fejn titlob lill-Qorti sabiex tieqaf u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kawża.

"L-artikolu 15 (3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ jipprovdi hekk -

*"(3) Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni*

*għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet."*

"Bħala fatt ir-rikors imsemmi fl-artikolu appena ċitat ma ġiex preżentat la qabel u lanqas wara li ġiet intavolata r-risposta ġuramentata mis-*Central Procurement and Supplies Unit.*

"Kif inhu ammess mis-soċjeta' attriċi stess, dwar dan il-punt il-ġurisprudenza hija diverġenti, b'sentenzi li jesiġu l-preżentata ta' tali rikors qabel il-preżentata tal-eċċezzjonijiet bħala rekwiżit *ad validitatem* filwaqt li hemm sentenzi oħra li adottaw approċ inqas riġidu fir-rigward.

"Din il-Qorti kif preseduta diġa' kellha l-opportunita' li tagħmel il-pożizzjoni tagħha ċara fil-każ J and K Limited vs Maria Theresa sive Marthese Mercieca et deċiż fit-3 ta' Frar 2016[5] -

> *"Hemm ġurisprudenza kostanti ormai li ddibattiet il-punt tan-neċessita' o meno li jiġi preżentat ir-rikors ai termini ta' Artikolu 15(3) Kapitolu 387, qabel ma jiġu preżentati l-eċċezzjonijiet. Fosthom is-sentenza Mariana Portelli vs Garra Rufa Ltd[6] li għamlet sinteżi ta' każistika oħra dwar din il-materja -*
>
> > *"…il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili stabbiliet, fis-sentenza Canon Services Limited vs Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar deċiża fit-12 ta' Diċembru 2002, illi tali talba tista' ssir permezz ta' eċċezzjoni preliminari fuq il-klawżola arbitrali. Din ġiet konfermata mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza 365 Entertainment Limited vs BossMedia Malta et deċiża fl-10 ta' Lulju 2012, ċitata mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Panta Marketing & Services Limited vs AX Construction Limited deċiża fit-3 ta' Diċembru 2010:*
> >
> > "*Għar rigward l-operat tal-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ, il-punt ġie diskuss mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża Cannon Services Ltd. vs Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar, deċiża fit-12 ta' Diċembru 2002. Din il-Qorti sejra tipproduċi l-parti rilevanti tal-konsiderazzjonijiet relattivi ta' dik il-Qorti, peress li taqbel mall-konklużjoni li waslet għaliha dik il-Qorti. Intqal a propożitu: "Fl-aħħarnett, is-soċjeta` attriċi tissottometti li, skond l-Artikolu 15(3) tal-liġi dwar Arbitraġġ, ir-riferenza għall-arbitraġġ trid issir "qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti", mentri f'dan il-każ, ir-riferenza ġiet mitluba fit-tieni eccezzjoni. Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, u taħseb li m'għandhiex tingħata interpretazzjoni riġida lil dan is-subartikolu. L-iskop tal-liġi hu intiz biex ma jinħeliex żmien, u jekk il-każ se jiġi trattat f'Arbitraġġ, jekk jista' jkun, ir-riferenza issir mill-ewwel u mhux wara smigħ tal-provi jew trattazzjoni fuq xi materja tal-każ. Dak li hu importanti allura, mhux li, qabel ma jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut, b'talba ad hoc, jitlob riferenza għall-Arbitraġġ, iżda li din ir-riferenza tiġi mitluba l-ewwel ħaġa. Kif inhi l-liġi hu permess li konvenut, qabel ma jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu, jitlob, b'rikors ad hoc, ir-riferenza għall-arbitraġġ, iżda din it-talba mhux meħtieġ li jsir hekk bil-fors, u tista' ssir b'talba imressqa fil-bidu tal-eċċezzjonijiet".*
>
> *Il-Qorti ma tarax raġuni il-għala m'għandhiex tabbraċċja dan l-insenjament tal-Qrati f'każijiet simili preċedenti."*

[5] Rik 409/15

[6] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Dicembru 2015 (Rik Nru 578/2014JPG)

"Fis-sentenza fl-ismijiet AIS Environment (Ltd) vs L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta[7] intqal dan;-

"Illi hekk ukoll ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet Bernardette Borg vs Gasan Mamo Insurance Limited [deċiża fl- 4 ta' Ġunju, 2014 – Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn il-Qorti waslet għall-konklużjoni:

> *"Fil-fehma ta din il-Qorti kuntrarjament għal dak deċiż fis-sentenza fuq itata, il-fatt li s-socjetà konvenuta ma għamlitx ir-rikors ma jippregudikax id-dritt tagħha. L-eċċezzjonijiet jingħataw permezz ta tweġba. Madankollu taħt l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 is-socjetà konvenuta għandha l-opportunità li qabel tippreżenta t-tweġiba tagħha, tippreżenta rikors biex il-Qorti tissoprasjedi minħabba l-klawżola arbitrali.*
>
> *"Ir- rikors m'huwiex mandatorju, tant li l-liġi tgħid li l-parti fil-proċediment "....tista f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċediment,.....". Il- kelma "tista " tagħti lil din il-Qorti x'tifhem li hi fid- diskrezzjoni tal-parti li trid tinvoka l-ftehim arbitrali, li tippreżenta rikors u titlob is-soprasessjoni. Jidher li l-għan wara dan il-provvediment hu sabiex min ikun irid jinvoka l-ftehim arbitrali, f dan l-istadju jkollu l-fakoltà li ma joqgħodx jippreżenta twegiba ġuramentata u jidħol fi spejjeż żejda (tant hu hekk li l- Artikolu 15(8) tal-Kap. 387 jipprovdi li l-preżentata ta' rikors għal soprasessjoni jġib magħha s-sospensjoni tat-terminu għall-preżentata tat-twegiba guramentata, sakemm tingħata deċiżjoni fuq it-talba). Dan iktar u iktar meta tqis li klawżola arbitrali ma teskludix il- ġurisdizzjoni tal-Qorti, iżda tagħti biss lok biex il-Qorti twaqqaf il-proċediment (Artikolu 742[3] tal-Kap. 12). Minn qari tal-Artikolu 15 il-Qorti ma tistax tikkonkludi kif għamlet l-Qorti fuq imsemmija li n-nuqqas li jiġi ppreżentat rikors ifisser telfien għad-dritt tal-konvenut li jinvoka klawżola arbitrali fit-tweġiba guramentata, jew li qiegħed jirrinunzja għall-arbitra (Ara sentenza Joseph W. Micallef nomine vs. Leo Grech et deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef J. Said Pullicino), fir-rigward ta' rinunzja għall-arbitra meta ma tiġix sollevata oppożizzjoni).*
>
> *"Klawżola arbitrali hi parti mill-ftehim bejn il-partijiet, liema ftehim għandu l-forza tal-liġi (vide Artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili). Bħal rikors, it-tweġiba/risposta hi wkoll att ġudizjarju. M'għandux ikun li persuna li trid tinvoka klawżola arbitrali u għalhekk trid li jiġi onorat l-ftehim, tiġi pregudikata għaliex minflok għamlet rikors u talbet is-soprasessjoni, ippreżentat risposta fejn invokat il-klawżola arbitrali u li għandha twassal biex il-Qorti tordna l-waqfien tal-proċeduri quddiemha. Fil-fehma tal-Qorti, l-ispirtu tal-liġi m'huwiex li wieħed joqgħod jintilef f'formaliżmu bla bżonn, u l-li i qegħda biss toffri alternattiva inqas għalja."*

"Sottolineata l-pożizzjoni ta' din il-Qorti kif preseduta hija tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet b'referenza għall-eċċezzjoni mressqa fil-każ odjern –

"1. Il-partijiet firmatarji tal-kuntratt ta' tindif fl-isptar Monte Karmeli, inkluż għalhekk is-soċjeta' attriċi qablu li f'każ li disputa bejniethom ma

[7] 344/15 LM . Deċiza 2/2/16. Għalkemm fl-istess il-Qorti ma qablitx ma l-interpretazzjoni mogħtija ghal artikolu 15(3) kif suriferit.

> tiġix riżolta amikevolment huma kellhom jirreferu l-kwistjoni għall-arbitraġġ a tenur tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan b'mod tassattiv – klawsola 38.3 "*In the absence of an amicable settlement, any dispute between the Parties that may arise during the performance of this contract and that has not been possible to settle otherwise between the Parties shall be submitted to the arbitration of the Malta Arbitration Centre in accordance with the Arbitration Act (Chapter 387) of the Laws of Malta*[8]*."*
>
> *"*2. Il-Qorti ma tirriskontra ebda raġuni valida fil-fatt u fid-dritt il-għala tali volonta' tal-partijiet m'għandhiex tiġi rispettata.
>
> "3. Anke jekk ir-rikors kontemplat fl-artikolu 15 (3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ ma ġiex preżentatat, il-Qorti ma tarax li għandha tingħata nterpretazzjoni riġida għal dan l-artikolu. Għalhekk fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata, inkwantu t-talba tressqet immedjatament fl-eċċezzjonijiet tas-Central Procurement & Supplies Unit, u hija għalhekk meqjusa bħala tali, ukoll tenut li għadhom ma tressqu ebda provi fil-mertu allura l-vot tal-liġi kif espress fl-artikolu msemmi huwa sodisfatt".

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjetà attrici Clentec Limited li bis-sahha tieghu u ghar-ragunijiet minnha premessi talbet li din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata u tichad it-tieni eccezzjoni tas-Central Procurement and Supplies Unit ghan-nom ta' Mental Health Services u tal-Ministru tas-Sahha u minflok tiddikjara li l-ewwel Qorti ghandha l-kompetenza tkompli tisma' din il-kawza u ghalhekk tirritorna l-atti mill-gdid lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza, bl-ispejjez kollha kontra s-Central Procurement and Supplies Unit.

Rat ir-risposta tal-appell tad-Direttur Generali (Kuntratti), li permezz taghha filwaqt li zamm ruhu newtrali ghall-vertenza in ezami, ladarba ma kienx huwa li qajjem tali eccezzjoni, ghazel li joqghod ghad-decizjoni li

---

[8] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

taghti din il-Qorti b'rabta ma' din il-materja, basta ma jehilx spejjez dwar dawn il-proceduri.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Central Procurement and Supplies Unit ghan-nom tal-Mental Health Services u l-Ministru tas-Sahha li permezz taghha talbu li, din il-Qorti tichad l-appell imressaq mis-socjetà appellanti Clentec Limited mis-sentenza inkwistjoni u b'hekk tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Marzu, 2019.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-kwistjoni bejn il-kontendenti fil-kawza titratta hlas mitlub mis-socjetà attrici, bhala bilanc ta' prezz ta' servizzi ta' tindif moghtija minnha gewwa l-Isptar Monte Karmeli  minn Gunju 2013 'il quddiem u li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu dan l-ammont, inkluz l-imghaxijiet legali mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti differenti ressqu zewg risposti guramentati fejn jirrizultaw diversi eccezzjonijiet. Permezz tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Central Procurement and Supplies Unit u tal-Ministru tas-Sahha giet invokata n-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti.

Il-materja li qeghda tigi trattata quddiem din il-Qorti f'dan l-istadju hija proprju marbuta mas-sentenza preliminari tal-ewwel Qorti li laqghet l-eccezzjoni preliminari mressqa minn dawn iz-zewg konvenuti, fejn ghazlet li tieqaf milli tkompli tisma' l-kawza, peress li l-kuntratt ta' servizzi mertu tal-kawza kellu klawsola arbitrali li kienet tistabilixxi li kull kontestazzjoni bejn il-partijiet ghandha tigi riferuta lic-Centru Malti tal-Arbitragg.

Is-socjetà attrici hassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponiet appell minnha. L-aggravji tas-socjetà attrici huma bazikament erbgha: (i) interpretazzjoni u apprezzament zbaljat ta' punt ta' ligi, inkwantu ai termini tal-Artikolu 15 (3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, kien mehtieg li jitressaq rikors appozitu; (ii) interpretazzjoni u apprezzament zbaljat fuq punt ta' ligi, inkwantu ssostni li ma kellhiex tigi appikata klawsola arbitrali ta' kuntratt li skada u li ma giex invokat mill-appellanti fir-rikors promotur taghha; (iii) d-decizjoni tal-ewwel Qorti waqfet billi stabbiliet li m'ghandhiex kompetenza u m'ordnatx li l-atti tal-proceduri jigu trasferiti lic-Centru Malti tal-Arbitragg ai termini tal-Artikolu

741 (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iv) d-decizjoni tal-ewwel Qorti li stabbiliet li m'ghandhiex kompetenza, ma baqghetx tezercita l-kompetenza taghha fil-limiti tal-Artikolu 742 tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taht l-ewwel aggravju taghha s-socjetà attrici appellanti tikkontendi li, l-ewwel Qorti ghamlet enfasi fis-sentenza appellata dwar il-fatt li l-partijiet firmatarji tal-kuntratt ta' tindif tal-Isptar Monte Karmeli kienu qablu li, f'kaz ta' disputa **<u>ghandhom</u>** jirreferu l-kaz ghac-Centru Malti tal-Arbitragg u li ma hemm ebda raguni valida l-ghala tali volontà tal-partijiet m'ghandhiex tigi rispettata. Izda tirrileva li din l-eccezzjoni tqajjmet mhux mid-Direttur Generali tal-Kuntratti, li kien firmatarju mas-socjetà attrici fuq l-imsemmi kuntratt, izda tqajjmet biss mis- Central Procurement and Supplies Unit ghan-nom tal-Mental Health Services u l-Ministru tas-Sahha, li ma kenux parti mill-kuntratt. Inoltrè ghalkemm s-socjetà attrici appellanti taqbel mal-principju li l-volontà tal-partijiet ghandha s-sahha ta' ligi, madankollu, m'ghandhiex tipprevali fuq il-ligi procedurali. Filwaqt li ticcita l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkoncedi li tezisti kazistika divergenti fir-rigward, izda s-socjetà attrici appellanti tikkontendi li l-ghazla hija dwar jekk ghandekx tinvoka l-klawsola arbitrali jew le u mhux x'ghandek taghmel jekk tiddeciedi li ghandek tinvoka tali klawsola. Filwaqt li ticcita l-kazistika divergenti fir-rigward, tinsisti li ladarba l-konvenuti ghazlu li ma jitolbux it-twaqqif tal-proceduri quddiem il-Qorti

permezz ta' rikors, kif mahsub taht l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, huma qaghdu ghall-gurisdizzjoni tal-Qorti u b'hekk irrinunzjaw tacitament li jinforzaw l-klawsola arbitrali.

Jibda billi jigi osservat illi, inkwantu l-appellanti tilmenta li ma kienx id-Direttur Generali (Kuntratti), l-firmatarju fuq il-kuntratt li jgib referenza CT2179/2009 tas-16 ta' Gunju, 2010, li qajjem l-eccezzjoni dwar il-klawsola arbitrali, izda l-konvenuti appellati l-ohra s-Central Procurement and Supplies Unit u l-Ministru tas-Sahha li ma kenux firmatarji fuq il-kuntratt, fil-verità id-Direttur Generali tal-Kuntratti iffirma l-kuntratt "o.b.o" tal-Isptar Monte Karmeli, kif jirrizulta minn Dok. "A" a fol. 7 tal-process. Kwindi meta d-Direttur Generali ffirma l-kuntratt ghan-nom tal-Isptar Monte Karmeli, wiehed jifhem li d-Direttur Generali bhala l-Awtorità kompetenti li fic-cirkostanzi idoneji, tiffirma l-kuntratti tal-Gvern ghan-nom ta' diversi entitajiet governattivi, f'dan il-kaz iffirma ghall-beneficcju u fl-interess tal-Isptar Monte Karmeli, li certament jaqa' taht il-Mental Health Services rapprezentat mis-Central Procurement and Supplies Unit u l-Ministeru tas-Sahha.

Dan jinghad peress li, d-Direttur Generali (Kuntratti) jiffirma dawn il-kuntratti ta' servizzi ghall-beneficcju ta' Dipartimenti ohra tal-Gvern jew Ministeri, bis-sahha tas-setgha li taghtih il-ligi. Regolament 13(l) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S. 601.03) jipprovdi li d-Direttur

jista' jaggudika offerti u jiffirma kuntratti f'isem u ghan-nom ta' awtoritajiet kontraenti skont kif jipprovdu l-istess regolamenti. Huwa mistenni mill-awtoritajiet kontraenti li, fost affarijiet ohra, jamministraw u jimplimentaw il-kuntratti kollha li jinghataw wara l-offerti u li jiddefendu quddiem qorti jew tribunal, kull tilwima li tista' tqum fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt, kif ukoll li jibdew u jiddefendu proceduri gudizzjarji jew ta' arbitragg fir-rigward ta' xi kuntratt iffirmat minnhom jew f'isimhom. (Regolament 16(1)(i) u (m) tal-L.S. 601.03). Issa kunsidrati d-dokumenti in atti, (ara per ezempju Dok. "D" a fol. 45 tal-process) u d-difiza adoperata mill-konvenuti appellati Central Procurement and Supplies Unit u l-Ministru tas-Sahha, huwa evidenti li l-konvenuti appellati rratifikaw il-kuntratt inkwistjoni u kwindi l-kundizzjonijiet formanti parti mill-kuntratt, inkluz il-klawsola arbitrali, filwaqt li qeghdin jiddefendu l-proceduri gudizzjarji, bhala parti mill-qadi tad-dmirijiet taghhom, skont ir-regolamenti hawn qabel citati.

Inkwantu ghall-dik il-parti tal-ewwel aggravju li titratta l-interpretazzjoni tal-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta) din il-Qorti wara li rat is-sentenzi kollha kontrastanti fuq l-interpretazzjoni tal-imsemmi artikolu, hekk kif citati mis-socjetà attrici appellanti, hija tal-fehma li l-ewwel Qorti wara li ghamlet apprezzament tal-fatti li jsawru l-kaz in ezami, ghamlet interpretazzjoni u waslet ghall-konkluzjoni xierqa meta adottat il-linja li ma jkun hemm ebda rinunzja ghad-dritt tal-arbitragg jekk kemm-il darba ma jsirx ir-rikors imsemmi fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.

387. Kif kellha okkazjoni tesprimi din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-3 ta' Dicembru, 2010, li ghaliha saret referenza wkoll mill-ewwel Qorti, fil-kawza fl-ismijiet **Panta Marketing and Services Limited v. AX Construction Ltd.**:

> "*L-importanti hu li l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni tigi moghtija f'dak l-istadju li jikkomprendi z-zmien li jipprecedi t-trattazzjoni tal-kawza fil-meritu taghha, li huwa dak li jissejjah l-istadju preliminari tal-kawza. Ic-cirkostanza li parti nghatat il-fakolta` li tressaq il-kwistjoni b'rikors ad hoc, u b'hekk tevita spejjez ingenti marbuta mal-kontestazzjoni tal-kawza, ma jfissirx li tilfet id-dritt li tecepixxi l-istess kwistjoni in limine litis. Ir-rinunzja trid tkun cara, certa u inekwivoka, u bl-ebda mod ma l-agir tas-socjeta` konvenuta jista' jitqies rinunzja ghall-klawsola ta' arbitragg. Il-Qrati Civili huma tenuti li jirrispettaw il-volonta` tal-partijiet u jassiguraw li l-vertenza bejniethom tigi epurata, deciza u sodisfatta tramite l-process arbitrali li huma kienu liberament ikkonvenew bejniethom – ara Cordina Insurance Agency Ltd noe v. John Abela Ltd, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-3 ta' Ottubru 2008*".

Din il-Qorti tirribadixxi l-hsieb li l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 m'ghandux jinghata nterpretazzjoni rigida ladarba skont l-imsemmi provvediment tal-ligi r-rikors imsemmi mhux mandatorju, dan kif jixhed l-uzu tal-kelma "tista'", li taghti lil wiehed x'jifhem li hija fid-diskrezzjoni tal-parti li tinvoka l-ftehim arbitrali li tipprezenta rikors u titlob soprasessjoni. Madankollu dik il-persuna li tinvoka klawzola arbitrali permezz ta' twegiba guramentata (minflok rikors) u ghalhekk trid li jigi onorat l-ftehim, m'ghandhiex tigi ppregudikata ghaliex minflok ghamlet rikors u talbet is-soprasessjoni, ipprezentat twegiba guramentata, att gudizzjarju iehor fejn giet invokata l-klawsola arbitrali; wara kollox l-ispirtu tal-ligi m'huwiex li wiehed joqghod jintilef f'formalizmu zejjed.

Isegwi li l-ewwel aggravju tas-socjetà attrici appellanti ma jregix u ser jigi michud.

Fit-tieni aggravju taghha s-socjetà attrici appellanti tikkontendi li l-klawsola arbitrali tal-kuntratt m'ghandhiex tigi applikata ladarba l-kuntratt skada u li hija ma nvokatx l-imsemmi kuntratt fil-kawza taghha. Hija tinsisti li qeghda titlob hlas ta' servizzi li nghataw minnha wara Gunju 2013, meta kien skada l-kuntratt CT 2179/2009. Kwindi tishaq li ladarba l-kuntratt kien skada, kien sar inoperattiv ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 u ghalhekk hadd mill-konvenuti ma seta' jinvoka l-klawsola arbitrali fl-istess kuntratt.

Izda hawn ukoll din il-Qorti tqis li gustament l-ewwel Qorti rriteniet illi l-ilmenti u l-pretensjonijiet tas-socjetà attrici huma mibnija fuq u marbuta mal-kuntratt CT2179/2009. Din il-Qorti zzid li, tant hu hekk li, l-premessi tas-socjetà attrici appellanti fil-fatt jaghmlu proprju referenza ghall-imsemmi kuntratt u ghar-rati ta' hlas li bihom hija kienet tithallas a bazi tal-imsemmi kuntratt. Mentri l-hlas pretiz f'din il-kawza huwa d-differenza bejn ir-rati li hija qeghda tippretendi minn Gunju 2013 u dawk stipulati fl-imsemmi kuntratt. Jigi ribadit li l-klawsola arbitrali inkwistjoni, li wara kollox kienet pattwita u tirrispekkja l-volontà tal-partijiet, ghandha s-sahha tal-ligi u ghalhekk ghandha titqies valida. Izda huwa prematur f'dan l-

istadju jinghad jekk il-kuntratt CT 2179/2009 baqax operabbli jew le fic-cirkostanzi tal-kaz, u jispetta lill-arbitru li ser jidhol fil-mertu tat-talbiet attrici jiddeciedi fir-rigward.

Ghalhekk it-tieni aggravju wkoll ma jimmeritax li jintlaqa'.

Imiss li jigu trattati it-tielet u r-raba' aggravji tas-socjetà attrici appellanti, dak fejn jinghad li d-decizjoni tal-ewwel Qorti waqfet billi stabbiliet li m'ghandhiex kompetenza u m'ordnatx li l-atti tal-proceduri jigu trasferiti lic-Centru Malti tal-Arbitragg ai termini tal-Artikolu 741(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll dak fejn jattakka d-decizjoni tal-ewwel Qorti li stabbiliet li m'ghandhiex kompetenza, izda ma baqghetx tezercita l-kompetenza taghha fil-limiti tal-Artikolu 742 tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jinhass xieraq li dawn iz-zewg aggravji jigu trattati f'daqqa ladarba jiccitaw l-artikoli 741 u 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jitrattaw l-eccezzjoni ta' inkompetenza. Kif deciz drabi ohra f'kazijiet simili, l-fatt li klawsola arbitrali titqies valida ma teliminax il-kompetenza tal-qrati, izda huwa ritenut li l-qrati ghandhom il-gurisdizzjoni konkorrenti (ara sentenzi citati mill-ewwel Qorti fir-rigward.) Il-konsegwenza ta' dan hi, mhux li l-Qorti tiddikjara ruhha nkompetenti, imma li skont l-Artikolu 742(3) tal-Kodici ta'

Organizazzjoni u Procedura Civili, (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) twaqqaf il-proceduri quddiemha u tissoprasjedi sakemm jigi determinat l-arbitragg. Min hu interessat mill-partijiet ghandu, ghalhekk, iressaq it-talba tieghu lic-Centru tal-Arbitragg skont il-provvedimenti tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan jigi trattat u determinat skont il-provvedimenti ta' dik il-ligi. Dan ifisser li, filwaqt li ma jistax jintlaqa' t-tielet aggravju tas-socjetà attrici appellanti li jintbghatu l-atti lic-Centru tal-Arbitragg, hija ghandha ragun fir-rigward tar-raba' aggravju taghha u ghalhekk ser jinghata l-provvediment mehtieg.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell imressaq mis-socjeta` attrici Clentec Limited, billi tilqa' l-istess limitatament kif appena spjegat u ghalhekk tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti, fis-sens li tilqa' *in parte* t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti appellati Central Procurement and Supplies Unit u tal-Ministru tas-Sahha, u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti, sabiex din tidderigi lil kull min hu interessat iressaq il-kaz ghall-arbitragg skont il-provvedimenti tal-Kap. 387 u sabiex din tibqa' tezercita l-kompetenza taghha fil-limiti tal-Artikolu 742 tal-imsemmi Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez kollha tal-kawza sa issa ghandhom jithallsu inkwantu ghal tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) mis-socjeta` attrici Clentec Limited u kwart ($^{1}/_{4}$) mill-konvenuti appellati Central Procurement and Supplies Unit u Ministru tas-Sahha.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb